**KUNSILL**
**TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 28 ta' Ġunju 2013 (13.08)**
**(OR. en)**

**11716/13**

**PUBLIC 52**
**INF 120**

**NOTA**

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL MARZU 2013

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Marzu 2013[1] [2].

Huwa jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli applikabbli għall-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn xieraq, l-ispjegazzjonijiet dwar il-votazzjoni u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

[1] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

[2] Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta l-att leġislattiv jiġi adottat u d-data attwali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li jkunu ġew adottati wara l-iffirmar kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill iddeċieda li jagħmel pubbliċi.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill:
http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/monthly-summaries-of-council-acts

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill:
http://consilium.europa.eu/documents/access-to-council-documents-public-register

Għandu jiġi nnotat li dan id-dokument huwa esklussivament għall-informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill:
http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/council-minutes

**INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'MARZU 2013**

**It-3227 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), li saret fi Brussell fil-5 ta' Marzu 2013**

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
|---|---|
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi biex japplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud | 6487/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwalità tan-nefqa pubblika | 6728/1/13 REV 1 |

**It-3228 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI), li saret fi Brussell fis-7 u t-8 ta' Marzu 2013**

ATTI LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT | REGOLA TAL-VOTAZZJONI | VOTI |
|---|---|---|---|
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ĠU L 69, 13.3.2013, p. 1–3 | 10222/5/11 REV 5 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| 2013/129/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta’ Marzu 2013 li tissottoponi lill-4-metilamfetammina għal miżuri ta’ kontroll<br>ĠU L 72, 15.3.2013, p. 11-12 | 6430/13 |
| Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 205/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 2/2012 dwar importazzjonijiet ta’ ċerti qfieli tal-azzar li ma jissaddadx u partijiet tagħhom li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta’ ċerti qfieli tal-azzar li ma jissaddadx konsenjat mill-Filippini, kemm jekk dikjarat li joriġina mill-Filippini u kemm jekk le, u li jittermina l-investigazzjoni dwar evażjoni possibbli ta’ miżuri antidumping imposti minn dak ir-regolament permezz ta' importazzjonijiet ta’ ċerti qfieli tal-azzar li ma jissaddadx u partijiet tagħhom konsenjati mill-Malasja u t-Tajlandja, kemm jekk dikjarati bħala li joriġinaw fil-Malasja u fit-Tajlandja u kemm jekk le<br>ĠU L 68, 12.3.2013, p. 1-8 | 6411/13 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa fir-rigward tal-adattament għall-progress tekniku tar-Regolamenti Nri 3, 6, 7, 13, 19, 37, 43, 45, 46, 48, 51, 53, 60, 67, 69, 77, 87, 91, 106, 109, 117, 118, 119, 121, 128 u 129, u fir-rigward tal-adattament għall-progress tekniku tar-Regolament Globali Tekniku Nru 12 tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa | 6616/13 |
| 2013/157/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2013 li tiffissa d-data ta’ applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)<br>ĠU L 87, 27.3.2013, p. 8-9 | 6840/13<br>Regola tal-Votazzjoni: Unanimità<br>L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>Astensjoni: DE |
| 2013/158/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2013 li tiffissa d-data ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)<br>ĠU L 87, 27.3.2013, p. 10-11 | 6841/13<br>Regola tal-Votazzjoni: Unanimità<br>L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>Astensjoni: DE |

| **It-3230 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN), li saret fi Brussell fil-11 ta' Marzu 2013** | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/124/PESK tal-11 ta' Marzu 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2011/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran<br>ĠU L 68, 12.3.2013, p. 57-60 | 7030/13 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 206/2013 tal-11 ta' Marzu 2013 li jimplimenta l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 359/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran<br>ĠU L 68, 12.3.2013, p. 9-13 | 7031/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pakistan | 7107/13 |

| **It-3231 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI) li saret fi Brussell fil-11 ta' Marzu 2013** | | | |
|---|---|---|---|
| ATTI LEĠISLATTIVI | | | |
| ATT | DOKUMENT | REGOLA TAL-VOTAZZJONI | VOTI |
| Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 252/2013/UE tal-11 ta' Marzu 2013 li tistabbilixxi Qafas Multiannwali għall-2013-2017 għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali<br>ĠU L 79, 21.3.2013, p. 1-3 | 10449/12 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |

| DIKJARAZZJONIJIET |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar il-minoranzi nazzjonali li għandha ssir fil-mument tal-adozzjoni u li għandha tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill**<br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ma għandhiex l-intenzjoni li tiddefinixxi l-kunċett ta' "minoranza nazzjonali" u għalhekk l-attivitajiet tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali skont l-Artikolu 2(h) la jaffettwaw id-definizzjoni u lanqas l-eżistenza tat-terminu "minoranza nazzjonali" kif previst mil-liġi nazzjonali, u lanqas id-distribuzzjoni ta' kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri f'dan ir-rigward. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-Qafas Pluriennali li għandha ssir fil-mument tal-adozzjoni u li għandha tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill**<br>Fid-dawl tar-rieżami li għaddej tal-kisbiet tal-Aġenżija tal-Unjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali matul l-ewwel ħames snin ta' operat tagħha f'konformità mal-Artikolu 30(3) tar-Regolament Nru 168/2007, il-Kunsill jaqbel li jeżamina kull proposta għal emendi għar-Regolament li l-Kummissjoni tista' tippeżentalu skont l-Artikolu 31(2) tar-Regolament imsemmi, u li jikkunsidra f'dak il-kuntest, l-emenda ta' din id-Deċiżjoni fir-rigward tal-inklużjoni tal-kooperazzjoni tal-pulzija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fil-lista ta' oqsma tematiċi. Il-Kunsill ifakkar ukoll fid-Dikjarazzjoni Nru 3 tal-Kunsill li saret meta ġie adottat ir-Regolament Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni li għandha ssir fil-ħin tal-adozzjoni u li għandha tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill**<br>Il-Kummissjoni jiddispjaċiha għan-nuqqas ta' qbil fil-Kunsill fir-rigward tal-inklużjoni tal-oqsma tematiċi ġodda proposti tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fil-Qafas Pluriennali l-ġdid tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (2013-2017).<br>Il-Kummissjoni tfakkar li wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali saru parti mid-dritt tal-Unjoni u għaldaqstant huma koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kompiti tal-Aġenzija, bħall-oqsma kollha li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni, skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007.<br>Madankollu, fin-nuqqas tal-inklużjoni ta' dawn l-oqsma tematiċi fil-Qafas Pluriennali l-ġdid, l-Aġenzija ser tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha f'dawn l-oqsma biss fuq talba tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007. |

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| 2013/127/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2013 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali ta' Ċipru<br>ĠU L 70, 14.3.2013, p. 6-6 | 6310/13 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 217/2013 tal-11 ta' Marzu 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti folji tal-aluminju f'rombli li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina<br>ĠU L 69, 13.3.2013, p. 11–20 | 6421/13 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 214/2013 tal-11 ta' Marzu 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar miksija b'materjal organiku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina<br>ĠU L 73, 15.3.2013, p. 1-15 | 6535/13 |
| Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 215/2013 tal-11 ta' Marzu 2013 li jimponi dazju kumpensatorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar miksija b'materjal organiku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina<br>ĠU L 73, 15.3.2013, p. 16-97 | ST 6557/13 + COR 1 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika | 6269/13 |

| **It-3232 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD), li saret fi Brussell fit-18 u d-19 ta' Marzu 2013** | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għal protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mal-Unjoni tal-Komoros | 6890/13 |
| DIKJARAZZJONIJIET | |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni ma tqisx li hu meħtieġ li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati tindika bażi legali sostantiva.<br>Madankollu, il-Kummissjoni mhijiex kuntrarja li jsir hekk f'dan il-każ minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari fis-settur. | |
| **Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi**<br>Il-Pajjiżi l-Baxxi ser jivvotaw favur il-mandat ta' negozjar fir-rigward tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-UE u l-Komoros. Il-Pajjiżi l-Baxxi qajmu tħassib dwar il-qabda inċidentali ta' klieb il-baħar u raj fis-sajd tat-tonn. L-evalwazzjoni ex-post tindika li jkun hemm qabdiet inċidentali ta' klieb il-baħar u raj. Il-Pajjiżi l-Baxxi huma tal-fehma li l-protokoll mal-Komoros għandu jaqbel dwar miżuri adatti biex jiġu pprevenuti qabdiet inċidentali ta' klieb il-baħar u raj. | |
| 2013/138/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta Marzu 2013 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali taż-Żrieragħ fir-rigward tal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995<br>ĠU L 77, 20.3.2013, p. 1-1 | 6516/13 |

| | |
|---|---|
| 2013/139/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta Marzu 2013 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor fir-rigward tal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992<br>ĠU L 77, 20.3.2013, p. 2-2 | 6517/13 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 260/2013 tat-18 ta' Marzu 2013 li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost bir-Regolament (KE) Nru 1458/2007 fuq l-importazzjoni ta' lajters tal-but, tal-gass u ż-żnied, li ma jistgħux jerġgħu jimtlew, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għall-importazzjoni ta' lajters tal-but, tal-gass u taż-żnied, li ma jistgħux jerġgħu jimtlew, li joriġinaw mir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, kemm jekk ikun iddikjarat li joriġinaw mir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam u jekk le<br>ĠU L 82, 22.3.2013, p. 10-17 | 6760/13 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati għal ftehim plurilaterali dwar kummerċ fis-servizzi | 6891/13 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar Kummerċ u Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' Rakkomandazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awtorità Palestinjana fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat | 6995/13 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/133/PESK tat-18 ta' Marzu 2013 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għas-Saħel<br>ĠU L 75, 19.3.2013, p. 29-32 | 5884/13 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/134/PESK tat-18 ta' Marzu 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2011/173/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Bosnja-Ħerzegovina<br>ĠU L 75, 19.3.2013, p. 33-33 | 6990/13 |

<table>
<tr><td colspan="4">It-3233 sessjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT) li saret fi Brussell fil-21 ta' Marzu 2013</td></tr>
<tr><td colspan="4">ATTI LEĠISLATTIVI</td></tr>
<tr><td>ATT</td><td>DOKUMENT</td><td>REGOLA TAL-VOTAZZJONI</td><td>VOTI</td></tr>
<tr><td>Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 Test b'rilevanza għaż-ŻEE<br>ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39-75</td><td>7401/1/13 REV 1</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td colspan="4">DIKJARAZZJONIJIET</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea<br>fir-rigward tal-eliġibbiltà tal-proġetti ta' interess komuni għal għajnuna finanzjarja tal-UE fil-kuntest tal-infrastrutturi trans-Ewropej tal-enerġija (Kapitolu V tar-Regolament xxx dwar Linji Gwida għall-infrastruttura trans-Ewropea tal-enerġija u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE).<br>Il-Kummissjoni tissottolinja li hija tqis importanti li l-appoġġ mill-UE u sorsi nazzjonali jestendi għal għotjiet għal xogħlijiet biex tkun tista' titwettaq l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni li jsaħħu d-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-provvista tal-enerġija, ir-rotot u l-kontropartijiet. Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tagħmel proposti f'din id-direzzjoni abbażi tal-esperjenza miksuba mill-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proġetti ta' interess komuni fil-kuntest tar-rapport previst fl-Artikolu 17 tar-Regolament dwar linji gwida għall-infrastrutturi trans-Ewropej tal-enerġija (Nru XXX).</td></tr>
</table>

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni konġunta mill-Awstrija, il-Bulgarija u r-Rumanija**<br>L-Istati Membri msemmijin hawn fuq, konvinti bis-sħiħ li l-idroenerġija u s-sistema ta' ħażna bl-ippumpjar għandhom rwol importanti fil-ksib tal-mira tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli tal-UE, jesprimu d-dispjaċir tagħhom għall-esklużjoni tal-proġetti ta' ħażna tal-elettriku bl-idroppumpjar mill-proġetti eliġibbli għal għajnuna finanzjarja mill-UE fil-forma ta' għotjiet għal xogħlijiet, kif previst mill-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għall-infrastruttura trans-Ewropea tal-enerġija.<br>L-Awstrija, il-Bulgarija u r-Rumanija jfakkru fir-rikonoxximent, fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-Enerġija Rinnovabbli: attur ewlieni fis-suq Ewropew tal-enerġija", li l-għan tal-enerġija rinnovabbli huwa "mira ewlenija tal-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv". Fl-istess waqt, l-Awstrija, il-Bulgarija u r-Rumanija jirreferu għall-Pjan Direzzjonali tal-Enerġija 2050, li jindika li s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli huma parti essenzjali tat-tliet għażliet mingħajr dispjaċir biex tinkiseb id-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija Ewropea bl-iktar mod kosteffettiv u sostenibbli. Barra minn hekk, il-ħtieġa għal investimenti kbar, inkluż biex titħaffef l-integrazzjoni tal-ħażna, hija wkoll sottolinjata fl-aħħar Komunikazzjoni tal-Kummissjoni relatata mas-Suq Intern tal-Enerġija u fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Enerġija Rinnovabbli: attur ewlieni fis-suq Ewropew tal-enerġija", adottati llum.<br>Barra minn hekk, b'kont meħud li l-idroenerġija hija sors kbir ta' enerġija rinnovabbli, li għad baqagħlu potenzjal disponibbli għall-espansjoni, l-iżvilupp tal-grid, inkluż il-ħażna, bilfors għandu jsir biex tintlaħaq l-isfida tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura. Għalhekk, l-investimenti tal-ħażna tal-elettriku bl-idroppumpjar huma adatti sew għal dan l-għan, peress li huma ta' importanza vitali kemm għat-transizzjoni tal-enerġija tal-UE kif ukoll is-suq tal-elettriku Ewropew li jiffunzjona sew.<br>Bħala konklużjoni, filwaqt li nirrikonoxxu l-ħtieġa ta' dan ir-Regolament u fl-ispirtu tal-kompromess ġenerali, aħna mhux ser noġġezzjonaw għall-adozzjoni tiegħu, iżda filwaqt li nqisu l-ħtieġa tal-għajnuna finanzjarja biex nagħmlu l-investiment ta' ppumpjar u l-ħażna ekonomikament fattibbli, aħna nenfasizzaw il-preferenza tagħna għall-inklużjoni tal-proġetti ta' ħażna tal-elettriku bl-idroppumpjar fil-kategorija tal-proġetti eliġibbli għal għajnuna finanzjarja mill-UE għal xogħlijiet skont kriterji supplementari. |
| **Dikjarazzjoni mill-Ġermanja dwar l-Artikolu 15 u l-premessa 30:**<br>Il-Ġermanja tassumi li l-approċċ bi tliet livelli deskritt fil-premessa 30 ser jiġi applikat b'mod konsistenti meta tiġi evalwata l-eliġibbiltà tal-proġetti ta' interess komuni skont l-Artikolu 15. Għalhekk il-finanzjament huwa primarjament kompitu għas-suq u r-regolamentazzjoni adegwata fl-Istati Membri. Il-kofinanzjament pubbliku mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa tal-UE jista' jitqies biss bħala l-aħħar alternattiva. Konsegwentement, għal kull proġett għandu jiġi eżaminat jekk ikunx hemm ostakoli għall-investiment regolatorji jew le qabel tittieħed deċiżjoni dwar l-appoġġ pubbliku. Sa fejn dan l-eżami jistabbilixxi li l-ħtieġa għal finanzjament ta' proġett tista' wkoll tiġi koperta bl-aġġustament tal-qafas regolatorju, l-għajnuna għal finanzjament mill-UE għandha tiġi eskluża. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Ġermanja dwar l-Artikolu 17(b):**<br>Il-Ġermanja tindika li, fl-interess tas-sigurtà tas-sistema u l-kunfidenzjalità tad-data kummerċjali, għandu jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar l-operat tas-sistema għandha tiġi pprovduta biss lil awtoritajiet affidabbli li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suq intern għall-operaturi ta' sistemi ta' trasmissjoni. Għalhekk il-Ġermanja tassumi li "kwalunkwe entità debitament awtorizzata" fl-Artikolu 8(3)(a)(iii) tar-Regolament (il-ġdid) Nru 714/2009 tirreferi għal kwalunkwe entità debitament awtorizzata mill-operaturi ta' sistemi ta' trasmissjoni taħt il-kooperazzjoni eżistenti (TSC, SSC, Coreso). | | | |
| Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar il-Fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju<br>Test b'relevanza għaż-ŻEE<br>ĠU L 115, 25.4.2013, p. 1-17 | 7402/13<br>+ ADD 1 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| DIKJARAZZJONIJIET | | | |
| **Dikjarazzjoni mill-Polonja**<br>Il-Polonja tilqa' l-qbil politiku dwar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej ("ir-Regolamenti"). Nemmnu li r-Regolamenti ser ineħħu l-ostakoli għall-ġbir ta' fondi transkonfinali u ser itejbu l-protezzjoni għall-investitur. B'mod partikolari, napprezzaw l-istandards armonizzati dwar sanzjonijiet adottati biex jiġi żgurat infurzar tajjeb tad-dispożizzjonijiet. Madankollu, għadna preokkupati dwar il-bidla li saret fir-rigward tat-terminu "sanzjonijiet amministrattivi", emendat għal "penali amministrattivi" fiż-żewġ Regolamenti. Inqisu li dan imur kontra l-intenzjoni oriġinali.<br>L-ewwel nett, bidla sinifikanti bħal din twettqet fil-laqgħa tal-ġuristi-lingwisti mmirata lejn id-diskussjoni ta' bidliet lingwistiċi li ma jaffettwawx is-sostanza tat-test. Il-bidla ta' "sanzjonijiet amministrattivi" b' "penali amministrattivi" jibdel l-ambitu tat-terminu inkwistjoni li jwassal għall-konklużjoni li l-bidla proposta ma taqax taħt il-kompetenza tal-grupp ta' ħidma tal-ġuristi-lingwisti u għalhekk ma kinitx leġittima.<br>It-tieni nett, filwaqt li l-atti leġislattivi għandhom il-forma ta' regolament li huwa vinkolanti fl-intier tiegħu fl-elementi kollha tiegħu u jissostitwixxi d-dritt nazzjonali, l-ispjegazzjoni rilevanti prevista fil-laqgħa tal-ġuristi-lingwisti kellha tiġi riflessa fil-premessi biex jiġi kkjarifikat li t-terminu "penali amministrattivi" ma jippreġudikax ċertu tip ta' sanzjonijiet.<br>It-tielet nett, ir-referenza għal "penali amministrattivi" fir-Regolament ser tirriżulta f'inkonsistenza fl-atti leġislattivi tal-UE, li uħud minnhom jirreferu għal "sanzjonijiet amministrattivi" (eż. MiFID, MAD). | | | |
| Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar il-Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropej<br>Test b'relevanza għaż-ŻEE<br>ĠU L 115, 25.4.2013, p. 18-38 | 7403/13<br>+ ADD 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

DIKJARAZZJONIJIET

**Dikjarazzjoni mill-Polonja**

Il-Polonja tilqa' l-qbil politiku dwar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej ("ir-Regolamenti"). Nemmnu li r-Regolamenti ser ineħħu l-ostakoli għall-ġbir ta' fondi transkonfinali u ser itejbu l-protezzjoni għall-investitur. B'mod partikolari, napprezzaw l-istandards armonizzati dwar sanzjonijiet adottati biex jiġi żgurat infurzar tajjeb tad-dispożizzjonijiet. Madankollu, għadna preokkupati dwar il-bidla li saret fir-rigward tat-terminu "sanzjonijiet amministrattivi", emendat għal "penali amministrattivi" fiż-żewġ Regolamenti. Inqisu li dan imur kontra l-intenzjoni oriġinali.

L-ewwel nett, bidla sinifikanti bħal din twettqet fil-laqgħa tal-ġuristi-lingwisti mmirata lejn id-diskussjoni ta' bidliet lingwistiċi li ma jaffettwawx is-sostanza tat-test. Il-bidla ta' "sanzjonijiet amministrattivi" b' "penali amministrattivi" jibdel l-ambitu tat-terminu inkwistjoni li jwassal għall-konklużjoni li l-bidla proposta ma taqax taħt il-kompetenza tal-grupp ta' ħidma tal-ġuristi-lingwisti u għalhekk ma kinitx leġittima.

It-tieni nett, filwaqt li l-atti leġislattivi għandhom il-forma ta' regolament li hu vinkolanti fl-elementi kollha tiegħu u jissostitwixxi d-dritt nazzjonali, l-ispjegazzjoni rilevanti prevista fil-laqgħa tal-ġuristi-lingwisti kellha tiġi riflessa fil-premessi biex jiġi kkjarifikat li t-terminu "penali amministrattivi" ma jippreġudikax ċertu tip ta' sanzjonijiet.

It-tielet nett, ir-referenza għal "penali amministrattivi" fir-Regolamenti ser tirriżulta f'inkonsistenza fl-atti leġislattivi tal-UE, li uħud minnhom jirreferu għal "sanzjonijiet amministrattivi" (eż. MiFID, MAD).

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
|---|---|
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Bliet u Komunitajiet Intelliġenti - Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni | 7250/13 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 295/2013 tal-21 ta' Marzu 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 192/2007 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta’ ċerti tipi ta’ polietilen tereftalat li joriġinaw, inter alia, fit-Tajwan wara reviżjoni ta’ “esportatur ġdid” taħt l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009<br>ĠU L 90, 28.3.2013, p. 1-3 | 7060/13 |

| | |
|---|---|
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 285/2013 tal-21 ta' Marzu 2013 li jtemm il-ftuħ mill-ġdid parzjali ta' investigazzjoni antidumping li tikkonċerna l-importazzjonijiet tal-etanolamini li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika u li jtemm ir-reviżjoni ta' skadenza taħt l-Artikolu 11(2) u reviżjoni interim parzjali taħt l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009<br>ĠU L 86, 26.3.2013, p. 1-6 | 7121/13 |
| 2013/148/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Marzu 2013 dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dwar id-DNA fl-Isvezja<br>ĠU L 84, 23.3.2013, p. 26-27 | 6997/13 |
| 2013/152/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Marzu 2013 dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dwar id-DNA f'Malta<br>ĠU L 86, 26.3.2013, p. 20-20 | 7000/13 |
| 2013/153/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Marzu 2013 dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika f'Malta<br>ĠU L 86, 26.3.2013, p. 21-21 | 7005/13 |
| 2013/156/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Marzu 2013 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni<br>ĠU L 87, 27.3.2013, p. 1-1 | 5861/13 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/145/PESK tal-21 ta' Marzu 2013 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan<br>ĠU L 82, 22.3.2013, p. 55-57 | 7300/13 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 261/2013 tal-21 ta' Marzu 2013 li jimplimenta l-Artikolu 11(1) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan<br>ĠU L 82, 22.3.2013, p. 18-20 | 7301/13 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/144/PESK tal-21 ta' Marzu 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu<br>ĠU L 82, 22.3.2013, p. 54-54 | 6987/13 |

| | |
|---|---|
| **Proċedura bil-miktub kompletata fis-26 ta' Marzu 2013** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 296/2013 tas-26 ta’ Marzu 2013 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea<br>ĠU L 90, 28.3.2013, p. 4-9 | 7335/13 |
| **Proċedura bil-miktub kompletata fis-27 ta' Marzu 2013** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/160/PESK tas-27 ta’ Marzu 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe<br>ĠU L 90, 28.3.2013, p. 95-98 | 7642/13 + COR 1 (sv) |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 298/2013 tas-27 ta’ Marzu 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 314/2004 dwar ċertu miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe<br>ĠU L 90, 28.3.2013, p. 48-51 | 7813/13 + COR 1 (sv) |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 297/2013 tas-27 ta' Marzu 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 44/2012, (UE) Nru 39/2013 u (UE) Nru 40/2013 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd<br>ĠU L 90, 28.3.2013, p. 10-47 | 7620/13 |
| DIKJARAZZJONIJIET | |
| **Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-flessibbiltà fil-maniġġar ta' ċerti stokkijiet**<br>Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex jaħdmu flimkien fil-kuntest tal-emenda li jmiss tat-TAC u tal-kwota bil-għan li tiġi evalwata l-possibbiltà li tkun stabbilita mill-ġdid il-flessibbiltà interannwali fil-maniġġar ta' ċerti stokkijiet relatati mal-ftehim bejn l-UE u n-Norveġja. | |
| **Dikjarazzjoni mir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika tal-Portugall dwar l-iskambju ta' opportunitajiet tas-sajd għaċ-ċiċċirell man-Norveġja**<br>B'kont meħud tal-impenji li jirriżultaw miż-Żona Ekonomika Ewropea, ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika tal-Portugall iqisu li l-Unjoni għandha tagħti prijorità lill-kisba tal-merluzz tal-Artiku bħala riżultat tal-iskambji ta' opportunitajiet tas-sajd man-Norveġja u l-kumpens għalihom. | |